MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 10/2005

**Kevin Mark Abela**

**vs**

**S&A Quality Assurance Surveyors Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ April 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Introduzzjoni

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal permezz ta’ Rikors Numru 1985 tat-22 ta’ Gunju 2004 f’ isem Kevin Mark Abela fir-Registru tal-Qorti Superjuri mill-Avv. Marvic DeBarro fejn qed jghid illi t-tkeccija mill-impieg ma kienetx ghar-raguni tajba u sufficjenti ghaldaqstant talab lit-Tribunal jisma’ dan il-kaz.

Is-Sur Kevin Mark Abela li kien assistit mill-Avv. Marvic DeBarro aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant.

L-Ing. Emmanuel Scerri, Direttur ta' S & A Quality Assurance Ltd li aktar 'il quddiem tissejjah is-socjeta` kien assistit mis-Sur Alfred Mailia-Milanes, Konsulent fl-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm tliet seduti.

Dikjarazzjoni tal-Kaz

L-appellant fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz jghid illi kien impjegat mas-socjeta appellata fl-10 ta' Gunju 2003 fuq bazi *full-time* indefinit u x-xoghol tieghu kien ta' *site inspector*, gie tterminat fit-8 ta' Gunju 2004. Ma kellu ebda ftehim bil-miktub mas-socjeta appellata. L'impieg kien sar permezz ta' l-ETC.

Kull meta talab lil Ingineer Emmanuel Scerri, il-Principal tieghu, ghall-*work evaluation report* qatt ma nghata waqt li l-Principal dejjem qallu li kien sejjer tajjeb hafna fuq ix-xoghol tieghu. Kien ghamel talba wara sitt xhur ghall-*evaluation report* wara kull tliet xhur izda baqa' ma giex mghoti r-rapport.

L-appellant fl-istess zmien qal lis-Sur Emmanuel Scerri illi kien sejjer jaghzel rapprezentant ghaliex hass li ma kienx qed jigi rispettat. Illi fit-8 ta' Gunju 2004 waqt li kien qed jirkupra minn operazzjoni iltaqa' mal-Principal u ghaddielu c-certifikat tal-mard. Il-Principal qallu illi biex ikompli fix-xoghol ghandu jkollu tnaqqis fil-paga. Fl-istess gurnata l-Principal qallu illi kien fuq in-*notice* ghaliex ma accettax it-tnaqqis fil-paga. Fl-istess gurnata nnota illi xi hadd iehor kien qed jghamel l-istess xoghol. Il-Principal stess kien qallu illi kellu jgib lil haddiehor biex jghamel ix-xoghol tieghu.

Illi l-appellant kien mitlub biex jghamel izjed minn xoghol wiehed f'hin partikulari. Ghal dan kien talab li jkun ikkumpensat ghax-xoghol zejjed li jghamel.

Illi minn dan kollu huwa car illi l-appellant gie tterminat ingustament, tant illi l-anqas gie nfurmat x' kienet r-raguni tat-terminazzjoni.

Is-socjeta fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid iiIi l-appellant kien impjegat bhala *site inspector* fis-6 ta' Gunju 2003. Illi s-socjeta wara beda jonqsilha x-xoghol u ma kienx aktar jinhtiegilha s-servizz ta' l-appellant fuq bazi *full-time*. Illi s-socjeta offriet lill-appellant li zzommu fl-impieg, izda bil-paga mnaqqsa. L-appellant ma accettax din l-offerta. Illi s-socjeta ma kellhiex triq ohra hlief li tittermina l-impieg ta' l-appellant fuq bazl ta' *redundancy* mit-8 ta' Gunju 2004.

Provi

Xhud l-Inginir Emanuel Scerri, Direttur tas-socjeta, qal illi s-socjeta hi wahda zghira li timpjega tliet *full-time* wiehed minnhom huwa stess u ghandu *part-timers* ghax ma hux possibli li jzomm *full-timers*.

L-appellant kien impjegat bhala *site inspector* fuq l-Imgarr Terminal Project jirrapprezenta lis-socjeta f' Ghawdex. Qal illi ma kienx hemm kuntratt tax-xoghol ma' l-appellant izda kien hemm *mutual understanding* verbali.

Ix-xhud qal illi l-appellant kien inkarigat fuq l-Imgarr Terminal Project li kien xoghol tajjeb hafna; gara li f'Dicembru 2003 inbidlu l-konsulenti. Irrizulta illi f' daqqa wahda l-progett ta' Ghawdex beda jmajna x-xoghol minn gurnata ghall-ohra b'incertezza kbira tant illi ma kellhomx gurnata xoghol. Fl-ahhar ta' Mejju l-kuntrattur Polidano beda jnehhi n-nies, l-appellant beda johrog bis-*sick leave*. Ix-xoghol waqaf u gara li hadd ma kellu x'jghamel.

Ix-xhud qal illi pprova isib xoghol iehor f'Ghawdex biex ikun jista' jzomm lill-appellant izda l-appellant irrifjuta *point blank* u qallu illi hu ma jaghmilx xoghol iehor. Qal illi kien ried izomm l-appellant f'Ghawdex u kien offrielu paga inqas biex ma jitilfux, izda kien irrifjuta li jaccetta b'paga inqas. Qal li l-appellant mar kontra l-intenzjoni tieghu ghax hu ma kellux l-intenzjoni li jitterminah, kien ried illi jzommu b'paga inqas biex jekk jerga' jkun hemm ix-xoghol isibu.

Xhud l-appellant qal illi hadem mas-socjeta bhala *site inspector full-time* fl-Imgarr Terminal Complex. Qal li kien mghoti karozza, ufficcju u *equipment* ta' l-ufficcju u ghodda ohra ta' varjeta ta' tipi ta' *measuring devices*. Qal ukoll illi x-xoghol ma kienx naqas qabel ma kien bis-*sick leave*. Kien fiz-zmien ta' meta kien bis-*sick leave* li x-xoghol naqas, wara disa' xhur ix-xoghol naqas hafna. Meta x-xoghol waqaf ma setax jghid ghax kien bis-*sick leave*. Kien is-Sur E. Scerri il-Principal li offrielu li jibqa' jahdem fuq paga mnaqqsa. Matul iz-zmien ghamel xoghol barra mit-Terminal ta' l-Imgarr li kien fil-Water Services Corporation, *water main*, ghall-*asphalt lane*, ghall-*road works*, ghall-*compaction* u ghal affarijiet ohra varji. Dan ix-xoghol ghamlu ghal ghaxar darbiet fi zmien hames xhur. L-appellant qal illi meta l-Principal kien qallu li lest inaqqaslu l-paga kien talbu biex jghidlu bil-miktub kemm kienet se tkun il-paga halli jevalwa izda qatt ma rcieva xejn. Ukoll illi dakinhar li gie mghoti l-*notice* kien ra lil xi hadd jghamel x-xoghol li kien jghamel hu. Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta jekk kienx jaf li dan kien impjegat iehor tas-socjeta li kien it-tifel tal-Principal, l-appellant qal li ma kienx jafu.

Xhud is-Sur Sebastian Brincat, Cost Controller, qal illi kellhom il-kuntratt ta' l-Imgarr Terminal Project f'Ghawdex li kien sors principali tas-socjeta taghhom. Qal illi kellhom xi xoghol Malta mal-Water Services izda il-qofol taghhom kien l-lmgarr Terminal f'Ghawdex. Dan il-progett beda jmajna u llum ix-xoghol fuqu hu suspendut. L-appellant kien gie impjegat biex johdilhom hsieb ix-xoghol tal-progett ta' l-Imgarr Terminal. Qal ukoll illi malli kellhom l-ewwel indikazzjoni li x-xoghoi ha jmajna kienu raw li lill-appellant ma jitilfuhx. Kien offrielu salarju anqas bil-hsieb illi jispandu f'Ghawdex. Kien bghatu fuq xoghol iehor xi erba' darbiet jew hamsa, izda fl-ahhar qallu li dan ix-xoghol ma jaghmlux ghax deherlu li biex jaghmel dan ix-xoghol ghandu jkun ikkompensat. Kienu wkoll offrewlu li jigi Malta, imma qatt ma kien lest li jigi jahdem Malta.

Mistoqsi mid-difensur tieghu dwar kif bhala Financial Controller jghati struzzjonijiet lill-appellant, qal illi hu kien

jiehu l-istruzzjonijiet minghand l-Inginir li huwa kollega tieghu. Mistoqsi ukoll ix-xoghol li rrlfjuta xi kwalita kien, qal illi x-xoghol kien ta' *trench work* li jaghmel *clack hammer*. Xoghol li bhalu l-appellant kien jaghmel kwazi kuljum *Clack Hammering* fuq ix-xoghol ta' l-Imgarr Terminal Project.

Sottomissjonijiet finali

Is-socjeta sostniet illi l-fatti mressqa minnha huma cari li dan il-kaz huwa wiehed ta' *redundancy*. Is-socjeta wriet bid-dokumenti u bix-xhieda li kien naqas x-xoghol tant illi l-akbar progett li kellha l-Imgarr Terminal kien waqaf hesrem u ghadu wieqaf sa llum.  Is-socjeta qalet illi l-appellant offrietlu li jinzamm wara t-telfa tal-progett Imgarr imma b'paga mnaqsa izda huwa rrifjuta. L-appellant dejjem irrifjuta li jaghmel dmirijiet ohra minn dawk ta' l-Imgarr Terminal tghid wkoll illi b'dan l-attagjament u bin-nuqqas ta' flessibilita li azjenda zghira tant tinhtieg, l-appellant irrenda lilu nnifsu *redundant*.

Mix-xhieda kemm tal-Managing Director u tal-Cost Controller Brlncat is-socjeta uriet b'mod lucidu illi wara t-telfa tal-progett lmgarr u n-nuqqas ta' flessibilta fix-xoghol mill-appellant ma kienx aktar viabbli li s-socjeta tibqa' topera.

Is-socjeta tghid illi l-appellant ma ressaq ebda xhud biex isostni l-kaz tieghu wisq anqas biex jikkontesta t-tezi tas-socjeta. Finalment tghid is-socjeta illi l-appellant stqarr li dakinhar li spicca kien hemm haddiehor jaghmel ix-xoghol tieghu. Dan ma hux minnu ghax dakinhar l-appellant abbanduna kollox u telaq. It-tifel tas-sid tas-socjeta tqabbad biex jinghalqu xi xogholijiet u jigbor id-dokumenti tal-progett Imgarr u jaghlaq l-ufficcju tas-socjeta ta' l-Imgarr, liema ufficcju ghadu maghluq sallum.

L-appellant jghid illi kien impjegat *full-time* u illi fl'ebda mument ma saret kitba li turi il-kundizzjonijiet u t-terminu ta' l-impieg li dana huwa nuqqas da parti tas-scojeta appellata. Waqt illi s-socjeta appellata tghid li t-

terminazzjoni mill-impieg sehhet a bazi ta' *redundancy*, l-appellant jikkontesta dan ghal diversi ragunijiet. Illi ma jistax jinghad li kien hemm nuqqas ta' xoghol li jwassal ghat-terminazzjoni mix-xoghol ghaliex fi kliem is-Sur Sebastian Brincat, "u 'l Kevin jiena kont inhajru biex kien ikollna xi daqxejn xoghol 'l hawn u 'l hemm li huwa simili hekk, kont nghidlu biex imur jaghti kas" Dan juri illi l-appellant kien jesegwixxi x-xoghol tieghu 'on site' talli kien jintbghat fi bnadi ohra tant illi fix-xhieda tieghu jghid, "*periodically at different moments yes*," "*for the Water Services Corporation's water main, for asphalt lane, for road works, for compaction, for various other things*" qal wkoll, '*I was informed that the company had lots of work in Malta*" "*I was never offered to go to Malta and work*".

Illi l-appellant jghid li kien misinfurmat mill-bidu sa l-ahhar matul l-impieg tieghu tant li kien taht l-impressjoni li kien hemm hafna xoghol x'isir. Meta kien gie offrut jaghmel xoghol b'paga inqas kien talab lis-Sur Scerri jekk kienx possibli li jghatieh bil-miktub kemm kellha tkun il-paga mnaqqsa sabiex hu jara u jevalwa izda qatt ma rcieva xejn. In-nuqqas ta' nformazzjoni da parti tas-socjeta appellata poggiet lill-appellant f'pozizzjoni li hu kien minghalih li qed jigi offrut paga inqas ghax kien se jkun hemm negozjar gdid tal-kuntratt ta' l-Imgarr Terminal.

Illi s-socjeta appellata ippruvat tinsinwa li kien l-appellant li naqas meta rrifjuta x-xoghol fuq paga inqas. L-appellant jghid li hu kien lest li jaccetta din l-offerta imma kull ma xtaq kien illi jkollu bil-miktub li turi effettivament x'tip ta' xoghol kien se jaghmel u l-paga li kien se jibda jiehu.

Kunsiderazzjonijiet

L-appellant gie impjegat mas-socjeta appellata fl-10 ta' Gunju 2003 fuq bazi *full-time* indefinit bhala *site inspector*. Gie tterminat mill-impieg fit-8 ta' Gunju 2004. Iz-zmien fl-impieg kien qasir minhabba li l-Imgarr Terminal Project waqqaf ix-xoghol. L-appellant kien impjegat ma' socjeta zghira hafna pero c-cokon tas-socjeta ma jghati ebda dritt industrijali u jew legali illi ma jigux osservati r-regoli bazici. L-appellant sostna sew fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz u wkoll

waqt ix-xhieda tieghu illi hu talab ghal aktar minn darba lill-Principal is-Sur Emmanuel Scerrl biex jaghtieh bil-miktub il-ftehim tax-xoghol. Dan qatt ma sehh u l-appellant sostna illi ma kienx jaf ezatt x' inhuma l-kundizzjonijiet tieghu mas-socjeta.

Kull ma ntqal mis-socjeta f'dan ir-rigward kien biss dak li qal is-Sur Emmanuel Scerri fix-xhieda tieghu illi kien hemm, "*mutual understanding verbally*" dwar l-impieg tieghu bhala *site inspector* fuq il-progett ta' l-Imgarr Terminal.

L-appellant min-naha tieghu xehed hekk, "*I was never asked to go to Malta and work*" jidher ghalhekk illi ma hemmx qbil illi kien hemm *mutual understanding* verbali kif qal is-Sur Scerri. L-appellant hass li kellu jmur jahdem Malta. Jidher illi dawn il-hsibijiet kollha originaw minhabba n-nuqqas ta' kitba bejn is-socjeta u l-appellant. Hu ghalhekk kundannabli li socjeta hi ta' liema daqs hi tonqos li tosserva r-regoli bazici kif diga ntqal ghaliex dan in-nuqqas bejn il-partijiet wera ruhu car anki mill-istess xhieda tal-partijiet.

Is-socjeta sostniet illi l-appellant gie redundant ghax ix-xoghol tal-progett ta' l-Imgarr Terminal waqaf milli jkompli jizviluppa, Is-socjeta offriet lill-appellant paga mnaqqsa sabiex is-socjeta tkun f' pozizzjoni illi f'kaz li jinqala xi xoghol f'Ghawdex ikollha min ikun jista' jghati s-servizzi tieghu. Anki f'dan l-istadju insibu lis-socjeta tghid illi l-appellant ma accettax l-offerta li saritlu u min-naha tieghu l-appellant jghid illi huwa ried tant illi xehed li talab sabiex din l-offerta ta' paga mnaqqsa tinghatalu bil-miktub halli huwa jkun jista' jevalwa s-sitwazzjoni pero jghid illi t-talba tieghu ma gietx milqugha.

It-Tribunal wara li ezamina dan il-kaz jara illi huwa nuqqas serju hafna illi mpjegat ma jigix mghoti bil-miktub dawk id-dettalji kollha bazici tax-xoghol Jara illi hu fatt accettabbli li l-progett ta' l-Imgarr Terminal waqaf u ghadu wieqaf. Jara illi ma giex ippruvat illi dahal xi hadd minflok l-appellant.

Decizjoni

It-Tribunal Industrijali ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti, ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjoniijiet finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-terminazzjoni mill-impieg ta' l-appellant kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Ir-rikorrent Kevin Mark Abela appella minn din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali b' dawn il-konstestazzjonijiet:-

(1) It-Tribunal applika hazin ir-regoli, il-ligi u l-gurisprudenza relattiva ghal-licenzjament fuq bazi ta' *redundancy*;

(2) Huwa gie pregudikat billi ma gietx koncessa t-talba tieghu biex il-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza. Jilmenta ghalhekk li hu ma nghatax l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu matul ix-xhieda u l-proceduri tal-kaz u ma nghatax smigh xieraq skond il-ligi;

(3) It-Tribunal naqas milli jaghmel evalwazzjoni konkreta tal-provi;

Bazikament, fit-twegiba taghha, is-socjeta` intimata tissottometti dan:-

1. Il-kontestazzjonijiet maghmula mit-Tribunal adit fir-rigward tat-terminazzjoni minhabba *redundancy* jikkonsistu sostanzjalment minn apprezzament tal-provi, u dan ma jaghti ebda dritt ta' appell mid-decizjoni;

2. L-appellanti ma sofra ebda pregudizzju mill-fatt illi l-proceduri gew kondotti bl-ilsien Malti, anke ghaliex fil-proceduri huwa kien debitament assistit mill-konsulent

legali ta’ fiducja. Dan apparti l-fatt li l-appellant jifhem bil-lingwa Maltija;

Jinsab statwit fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 82 ta’ l-Att XXII ta’ l-2002 illi d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali ma humiex appellabbli hlief fuq punt ta’ ligi. Dan il-punt ta’ ligi m’ hemmx ghalfejn ikun definit u deciz fis-sentenza mpunjata ghax, bil-kontra ta’ dak li jinghad, ad ezempju, fl-Artikolu 15 (2) ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kapitolu 356), l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jghidux. Hu sufficcjenti li l-punt ta’ ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta nvolut jew implicitu fid-decizjoni in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta. Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, tas-7 ta’ Mejju 1956 in re “**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta *nomine***”. Jokkorri ghalhekk li jigi ezaminat jekk il-materja tmissx punt ta’ ligi;

Ezami anke superficjali tas-sentenza appellata juri b’ mod evidenti illi fiha t-Tribunal ma interpreta l-ebda dispost ta’ ligi, riferibilment ghall-kwestjoni tar-*redundancy*, b’ mod li jista’ jinghad li dahal f’ xi kwestjoni legali. Del resto, lanqas l-istess appellanti, fil-korp tar-rikors ta’ l-appell tieghu, ma specifika, b’ argomenti konvincenti, fejn hu deherlu li t-Tribunal ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi in tema ta’ *redundancy*. Imkien ma ssottometta per ezempju illi fil-kaz tieghu ir-*redundancy* ma kienetx “genwina”, kif din giet imfissra u illustrata f’ bosta decizjonijiet ta’ l-istess Tribunal. Ara l-lodo tat-Tribunal fil-kawzi fl-ismijiet “**Nevise Caligari -vs- Cities Entertainment Ltd**” (Award 1005 tal-15 ta’ Dicembru 1998 u “**Monica Agius Muscat -vs- Messrs. Sciberras Distributing Agency Co Ltd**” (Award 1043,14 ta’ Gunju 1999). Huwa llimita ruhu biex jghid semplicement illi jekk is-socjeta intimata kienet ghadha ekonomikament vijabbli allura l-licenzjament ghal dik ir-raguni ma kienetx gustifikata. Din pero`, fil-hsieb tal-Qorti, mhix raguni bastanti biex tinnewtralizza l-fatt accertat illi l-appellanti safa *redundant* ghar-raguni tal-waqfien ta’ l-izvilupp ta’ l-Imgarr Terminal. Ankorke l-

appellanti gie offrut impjieg alternattiv b' paga inferjuri, li huwa ma accettax, fuq il-bazi tal-provi prodotti ma jistax logikament jinghad illi r-*redundancy*, ghal dik ir-raguni, ma kienetx genwina. Anzi t-Tribunal fuq l-apprezzament tieghu ta' l-elementi fattwali rritjena attendibbli l-motiv tal-licenzjament dedott mis-socjeta` appellata;

Hu x' inhu, id-decizjoni tat-Tribunal ghal dawk li huma kwestjonijiet u konkluzjoni ta' fatt hi finali u ghalhekk taht dan l-aspett dik id-decizjoni mhix censurabbli minn din il-Qorti. Hu fil-fatt kriterju direttiv illi jekk il-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell jinstab li hu nfondat allura din il-Qorti ta' revizjoni, skond gurisprudenza kostanti fuq ligijiet ohra li similment jaghtu dritt ta' appell lilha fuq punt ta' ligi biss, ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara f' dan is-sens "**Emmanuele Barbara -vs- Wilfred Podesta *nomine***", Appell Civili, 28 ta' Gunju 1957 u "**Vincenzo Vella -vs- Paolo Grech**", Appell Civili, 24 ta' Marzu 1958;

Issa l-appellanti jgib ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti l-argoment illi d-decizjoni tat-Tribunal hi sindikabbli minn din il-Qorti in kwantu hu jippretendi li gie lez lilu l-principju tal-gustizzja naturali "*audi alteram partem*" bil-fatt illi t-Tribunal ma akkonsentiex li l-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza;

Din il-Qorti ezaminat l-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal u mill-ebda seduta ma jirrizulta xi verbal fejn l-appellanti talab li l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza. Kull ma nsibu mill-Minuti tat-tieni seduta hu dak li l-appellant wiegeb ghad-domandi posti lilu bil-lingwa Ingliza peress li hu ma jitkellimx bil-Malti. Imkien ma jinghad li hu ma jifhemx ukoll bil-Malti;

Hi ligi dettata fl-Artikolu 21 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi "l-ilsiem Malti jkun l-ilsien tal-qrati" u salv ghal dak stabbilit fil-Kapitolu 189 [Att dwar il-Proceduri Gudizzjarji (uzu ta' l-Ilsien Ingliz)], "il-proceduri

kollha ghandhom isiru b’ dak l-ilsien”. Hu provvdut imbaghad fis-subinciz (2) ta’ l-imsemmi artikolu illi “meta xi parti ma tifhemx l-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proceduri orali, dawk il-proceduri ghandhom jigu interpretati lilha jew mill-qorti jew minn interpretu li jigi moghti lilu l-gurament”;

Jitnisslu minn dan id-dispost tal-ligi procedurali dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Biex il-proceduri jsiru bil-Malti ma kienx hemm bzonn ta’ ebda talba ghaliex kif ritenut fis-sentenza riportata a **Vol. XXIX P IV p 755**, “l-uzu tal-Malti huwa r-regola li ma tigix nieqsa hlief fuq talba u r-ragunijiet skond il-ligi ghall-kuntrarju”;

(2) Kien allura jispetta lil min ma kienx familjari mil-lingwa Maltija li jiehu l-inizzjattiva biex il-proceduri ma jsirux bil-Malti jew li ghallanqas il-Qorti tikkonsidra jekk dawn ghandhomx isiru mhux bil-Malti;

(3) Fil-kaz prezenti, kif gja fuq espress, m’ hemm xejn fil-process li juri li da parti ta’ l-appellant, jew permezz ta’ l-Avukat li kien jassistih, saret xi talba esplicita`, jew xi dikjarazzjoni li tissodisfa lit-Tribunal, biex il-proceduri jsiru bl-Ingliz. Jew, ghallanqas, li hu jigi mghejjun minn interpretu;

(4) Bhala fatt ma jidherx mill-atti li t-Tribunal ta xi ordni formali biex il-proceduri jsiru kif saru, bil-Malti, jew xi provvediment biex il-proceduri jigu nterpretati lill-appellant. Dan ma sarx ghaliex, kif gja rilevat, l-ebda kwestjoni ma tqanqlet mill-appellant fir-rigward;

(5) Ghall-approfondiment fuq din il-materja ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili tat-3 ta’ April 1964 fl-ismijiet “**Romeo Sammut -vs- Flight Lieutenant Kenneth M. Shaw-Brown**” minn liema l-konsiderazzjonijiet appena maghmula huma estrapolati;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tirravvisax dik l-irregolarita`, senjalata mill-appellant, fil-konduzzjoni tal-proceduri biex jista' jinghad li dan hu intitolat ghal dik il-garanzija tar-regola ta' gustizzja naturali minnu issa invokata f' din is-sede. L-andament tal-proceduri quddiem it-Tribunal ma kienx jikkozza ma' xi dritt kostituzzjonalment imhares u allura bl-ebda mod ma arreka pregudizzju lill-appellanti. Anke allura dan l-ilment ta' l-appellant ma jisthoqqlux li jigi ezawdit.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell devolut lilha u b' hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali. Tordna li l-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------